**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 100/18 AL

A B
vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi r-rikorrent izzewweg lil C B fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru sitta u tletin tas-sena elfejn u erbgha (36/2004) – certifikat taz-zwieg hawn anness u markat **Dok 'A'**.

Illi minn dan iz-zwieg, fis-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) twieldet il-minuri K B, li llum ghandha l-eta' ta' hdax (11)-il sena u b'hekk minorenni.

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja awtentika tal-istess qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok 'B'**.

Illi minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponent jiddikjara wkoll li l-manteniment dovut għall-bint minuri K B kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom huwa mhallas.

Illi għaldaqstant l-esponent jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju.

Illi huwa jixtieq jiddivorzja u li ż-żwieġ tieghu jigi mahlul.

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn ir-rikorrent A B u C B u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Novembru 2016, izda ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha il-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.